MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 291/2014

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Matic Analise K.I. 199079 (M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet illi permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' elf, ħames mija u erbgħa u disgħin Ewro u tnax–il ċenteżmu (€1594.12), rappreżentanti in kwantu għal disa' mija u ħmistax–il Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€915.91) in konnessjoni ma' 79223201 (AC50862373) u sitt mija tmienja u sebgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€678.21) in konnessjoni ma' 79223202 (AC 50862372).

Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bħala penali għat-terminazzjoni antiċipata tal-kuntratti.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma elf, ħames mija u erbgħa u disgħin Ewro u tnax–il ċenteżmu (€1594.12), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittri uffiċjali fl-ismijiet premessi ppreżentati fil-11 ta’ Marzu 2011 u nnumerati 1142/11 u 1143/11 rispettivament, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittri uffiċċjali ċċitati, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------